MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 501/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li fl-4 ta' Dicembru 2006 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali; li skond il-klawsola numru tlieta [3] ta' dan il-kuntratt l-attur kien intrabat li jhallas lil martu s-somma ta' mija u ghaxar liri maltin [LM110] bhala manteniment ghaliha [u ghaz-zewg uliedhom minuri]; li l-attur jinsab mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u "il-probabilita' kbira hi li jibqa' hekk ghal numru ta' snin"; li ghalhekk huwa jinsab "fl-impossibilita' finanzjarja li jonora dawn l-obbligi tieghu stante li ma ghandu ebda dhul finanzjarju"; li skond il-klawsola numru disgha [9] il-konvenuta ghandha d-dritt ta' uzu u abitazzjoni tal-fond <indirizz>, b' dan li m'

ghandhiex tippermetti lil terzi persuni jirrisjedu fl-appartament in kwistjoni, anke b' mera tolleranza; li fl-ahhar xhur il-konvenuta kellha tarbija, minn terza persuna, li qed tghix f' dan il-fond, u li missier din it-tarbija qed jghaddi jiem shah fl-istess appartament bi ksur tal-kondizzjonijiet kontrattwali fuq indikati; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1][2] u [3] tordna korrezzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni billi tordna t-tnehhija tal-klawsola numru 3, tinnomina Nutar biex jircevi l-att korrettorju u kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuta; [4] "tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet taghha ta' uzu u abitazzjoni fil-fond <indirizz>, naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni"; [5] li tordna l-izgumbrament tal-konvenuta mill-imsemmi fond;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet: [1] li r-rikors huwa null stante li l-medjazzjoni ma ntalbitx u ma saritx sabiex ikunu emendati l-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni limitatament sabiex ikun regolat l-access ta' A B wara l-inkarcerazzjoni tieghu; [2] li l-attur ma talabx li din il-Qorti tordna s-separazzjoni mill-gdid sabiex tkun tista' tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 Kap.16; [3] li dak allegat mill-attur fil-konfront tal-konvenuta mhuwiex minnu; [4] li l-attur ghandu proprjeta' u assi bizzejjed sabiex ikompli jonora l-obbligu kontrattwali tal-manteniment; [5] li mhux minnu li l-konvenuta qeda ddahhal terzi persuni jirrisjedu fl-imsemmi fond;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li jigi ezonerat mill-obbligi kontrattwali tieghu, relattivament ghall-manteniment dovut lill-konvenuta martu ghaliha u ghaz-zewg uliedhom minuri, kif ukoll sabiex il-konvenuta

tigi ordnata titlaq mill-fond fuq indikat, stante li “ddekadiet mid-drittijiet taghha ta’ uzu u abitazzjoni” fl-istess fond.

Minn naha tieghu, il-konvenuta, preliminarjament issollevat eccezzjonijiet ta’ natura procedurali, u fil-meritu opponiet ghat-talbiet ta’ l-attur.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fl-4 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu l-attur, li fuq il-kuntratt iddeskriva lilu nnfisu bhala “unemployed”[1], obbliga ruhu li jivversa lil martu s-somma ta’ LM110 [illum €256] kull erba’ gimghat, rapprezentanti LM30 [illum €70] bhala manteniment ghall-konvenuta, u LM40 [illum €93] ghal kull wiehed miz-zewg uliedhom sakemm dawn jibqghu minuri.

Fl-istess kuntratt il-partijiet qabblu li l-kura u kustodja taz-zewg minuri Jamie u Owen, li twieldu rispettivament fil-25 ta’ Settembru 1996 u fil-5 ta’ Novembru 1999, tigi fdata esklussivament f’ idejn il-konvenuta ommhom, filwaqt li l-missier kellu access kull nhar ta’ Gimgha mis-6.00pm sas-Sibt 6.00pm u fi kwalunkwe gurnata ohra u hin matul il-gimgha li l-partijiet ihossu li jkun fl-aqwa nteressi tat-tfal; ukoll, fil-kaz li t-tfal ma jittiehdux mill-Gimgha sas-Sibt, huma jittiehdu mis-Sibt filghodu sal Hadd filghodu wara preavviz adegwat.  Fl-istess kuntratt huma elaboraw fuq l-access tal-missier kif jirrizulta fil-paragrafi [c][d] u [e] tal-klawsola tnejn [2].

L-attur ukoll awtorizza lill-konvenuta sabiex din tuza u tirrisjedi fil-fond fuq indikat, proprjeta’ parafernali tieghu, bil-kondizzjoni, fost ohrajn, li ma tippermettix “any person to reside in the flat in question, even under mere tolerance.”[2]

Illi sussegwentement, fit-3 ta’ Settembru 2007, il-konvenuta weldet tarbija minn terza persuna li maghha hija kellha relazzjoni.  Il-konvenuta tghid li, wara s-

[1] Fol.4
[2] Fol.9

separazzjoni de facto fis-sena 2000, hija kienet bdiet relazzjoni ma' terza persuna fis-sena 2003, u eventwalment harget tqila minn din il-persuna, u fit-3 ta' Settembru 2007 weldet it-tarbija tieghu. Dawn il-fatti ma gewx kontestati mill-attur.

Illi sadanittant il-konvenuta baqghet, u ghadha, toqghod fil-fond fuq indikat flimkien ma' l-ulied tal-partijiet, u t-tifel mit-terza persuna.

Illi fis-26 ta' April 2007 l-attur kien gie arrestat u nzamm taht arrest preventiv fuq akkuzi relatati mat-traffikar tad-droga, u mill-provi jidher li fil-prezent qed jeskonta sentenza twila ta' prigunerija.[3]

Illi malli l-attur gie inkarcerat, il-modalita' ta' l-access kif pattwita mill-partijiet ma baqghetx aktar applikabbli fil-prattika, u hareg car li dan l-ordni ta' l-affarijiet kellu jitbiddel sabiex il-missier ikompli jirrelata maz-zewg uliedu.

Dan qajjem dizgwid bejn il-partijiet, u wassal sabiex fit-18 ta' Lulju 2007, l-attur jipprezenta l-ittra ta' medjazzjoni [nurmu 711/07] li permezz taghha, wara li ppremetta li hu kien jinsab residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u li "meta gie inkarcerat, il-mara tieghu mhix qed tonora l-kuntratt fis-sens illi mhix qed thallih jara lit-tfal tieghu. Illi huwa ttanta jirrizolvi din il-problema bonarjament" talab li din il-Qorti "tahtar medjatur ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi."[4] Illi fis-19 ta' Dicembru 2007 il-Qorti ddegretat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-attur jipprocedi b' kawza ad hoc fit-termini mposti mill-ligi.

**Eccezzjoni Preliminari [1]**

Illi l-konvenuta eccepiet in linea preliminari li r-rikors guramentat huwa null peress li l-medjazzjoni kienet limitata sabiex ikun regolat l-access ta' l-attur wara li dan kien gie inkarcerat.

[3] Fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2010 l-attur iddikjara "li fil-prezent qieghed mizmum fil-facilita' korrettiva ta' Kordin b' sentenza, u fadallu circa disa' [9] snin ohra.
[4] Fol.12

Minn naha tieghu l-attur jsostni li fl-ittra saret fit-termini ta' l-Avviz Legali 397/2003 u li fiha huwa "stqarr li xtaq jaghmel xi modifiki fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni tieghu peress li martu ma kinitx qed tonora il-kuntratt. Naturalment hu ma kellux ghalfejn jikteb kull haga li xtaq tibdil dwarha fil-kuntratt[5] fl-ittra li baghat lid-Deputat tal-Qorti, u kien bizzejjed li l-intimata ddekadiet [sic] mill-obbligi taghha."[6]

In propozitu l-Qorti tosserva li r-regolament [9] ta' l-imsemmi Avviz Legali jirrendi applikabbli l-proceduri ta' medjazzjoni wkoll ghal diversi kazijiet ohra, apparti milli biex tintalab is-separazzjoni personali. Inkluz fost dawn il-kazijiet hemm nuqqas ta' qbil dwar il-kura u kustodja, access u manteniment, kif ukoll "[c] bidliet f' kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali."[Reg.9[1][c]], u fl-istess sub-inciz ikompli jghid li l-parti ghandha "tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x' inhi t-talba taghha.."[7]

Illi r-ratio legis ta' din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe' li meta tinqala' kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra. Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss; u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b' mod generali bhala wahda ta' firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenjzali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss, f' dan il-kaz l-access favur il-missier, u l-medjazzjoni tkun inghalqet minghajr success u l-parti tkun allura giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizzazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni ndikata fl-ittra.

---

[5] Sottolinear tal-Qorti
[6] Fol.166
[7] Sottolinear tal-Qorti

Ghaldaqstant l-argument formanti l-bazi ta’ l-ewwel eccezzjoni huwa legalment validu fis-sens li l-medjazzjoni li saret u l-awtorizzazzjoni li nghatat, saru u nghataw biss limitatament ghall-kwisjoni ta’ l-access, u ghalhekk ma jkoprux il-problemi formanti parti mit-talbiet ta’ l-attur, bil-konsegwenza li fuq dawn il-problemi ma saritx medjazzjoni, u ghalhekk l-attur meta pprezenta l-kawza odjerna agixxa barra t-termini legali mfassla fl-imsemmi Avviz Legali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni fis-sens li tiddikjara li l-attur istitwixxa l-proceduri odjerni minghajr l-awtorizzazzjoni skond il-ligi; u ghalhekk, filwaqt li f’ dan l-istadju, tissospendi l-proceduri odjerni, tordna li, fi zmien ghaxart ijiem il-parti tistitwixxi proceduri ta’ medjazzjoni godda biex jigu diskussi skond il-ligi l-kwistjonijiet formanti l-bazi tat-talbiet ta’ l-attur.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza, wara li konkluzjoni tal-proceduri tal-medjazzjoni.

Spejjez ta’ dan il-gudizzju a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------